MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 12/2008

**Joan Montanaro**

**vs**

**BayStreet Hotel Complex Ltd u BayStreet Holdings Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Ottubru, 2008, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Dawn il-Kwistjonijiet tax-Xoghol gew riferuti lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet pprezentati fir-registru tal-Qorti Superjuri datati 31 ta' Jannar 2006, biex jigu pprocessati mit-Tribunal Industrijali skond it-Termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002, dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Ms Joan Montanaro, li minn issa tidher bhala l-Appellant, kienet assistita mis-Sur Josef Bugeja Segretarju tal-General Workers' Union u mill-Avv. Joanne Vella Cuschieri. Ghas-Socjetajiet indikati fl-okkju tal-kaz deher is-Sur James David assistit mill-Avv. William Cuschieri u mill-Avv. Anita Fenech.

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta tghid, li kienet ilha mpjegata mas-socjetajiet indikati fl-Okkju tal-kaz ghal madwar sena u erba' xhur fil-kapacita bhala full-time Housekeeper ma’ Baystreet Hotel Complex Ltd u fl-istess waqt ukoll, bhala part-time Housekeeper ma’ Baystreet Holdings Ltd. L-appellanta tkompli tghid fl-istqarrija tal-kaz taghha, li r-raguni li kienet giet impjegata ma’ zewg Kumpaniji differenti biex tahdem fl-istess post tax-xoghol hija, sabiex l-extra hours taghha minflok li jigu mhallsa bir-rata ta' overtime kienu jithallsu bir-rata ta' part-time.

Fl-istqarrija tal-kaz hija tkompli tghid li fit-2 ta' Jannar 2006, hija kienet xoghol mit-8.00 sa 16.30 hrs u dakinhar kellhom hafna arrivals u hija kienet wehidha minhabba li d-Duty Manager ma kienitx xoghol fil-ghodu.

L-Appellanta tghid ukoll, li d-Duty Manager giet wara nofsinhar u staqsietha jekk kellix bzonn l-ghajnuna taghha u l-appellanta qaltilha li kellha bzonnha minhabba l-ammont ta' xoghol li kien hemm dakinhar. Hija tghid ukoll, li d-Duty Manager telghet tghinha sabiex jiccekkjaw il-kmamar. L-appellanta tghid ukoll, li dakinhar kien hemm erba' maids li kienu qed jahdmu wara l-4.30p.m.

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta tkompli tghid, li ghal madwar it-3.30 pm irrejalizzat li l-maids ma kienux se jlahhqu peress li kien ghad fadal diversi kmamar x'ilestu. Hija tghid ukoll, li kif rat hekk avzat lis-Segretarja tal-Manager li kull ma kien

fadlilha kienu erba' maids li kien se jkollhom joqghodu wara l-hin minhabba li ma kienx se jlahhqu u biex tiehu hsieb li tavza lill-Manager. L-appellanta tghid ukoll, li telqet mix-xoghol ghal madwar 4.45pm u halliet warajha lill-erba maids flimkien ma Duty Manager sabiex ikomplu l-kmamar li kien ghad fadal.

Hija tkompli tghid fl-istqarrija tal-kaz taghha, li l-ghada kienet off duty u f’xi hin giet ikkuntattjata mir-Reservation Manager fejn qaltilha li kien hemm problema. Hija qaltilha wkoll, li kellha ittra ta' terminazzjoni ta' l-impjieg taghha minhabba li l-gurnata precedenti kienet qabdet u telqet mix-xoghol. Ir-reservation manager qaltilha wkoll, li kien hemm zewg kmamar li gew iccekkjati mill-appellanta fejn l-guests kienu ilmentaw li ma kienux tnaddfu sewwa. L-appellanta tghid ukoll, li qalet lir-reservation manager biex tmur fl-ufficcju tal-housekeeping sabiex jigu ccekkjati xi dokumenti. Wara dan, ir-reservation manager marret fl-ufficcju ta' l-appellanta u cemplitilha lura u gie stabilit li l-kamamar li kien hemm l-ilment fuqhom kienu 625 u 635. L-appellanta tghid ukoll, li mid-dokumenti kien jindika li l-kamra 625 kienet giet iccekkjata mad-Duty Manager u l-kamra 634 kienet giet iccekkjata min haddiehor u mhux minnha peress li hi kienet diga telqet mix-xoghol.

L-Appellanta tghid ukoll, li ir-Reservation Manager qaltilha li l-karti taghha tat-terminazzjoni ta' l-impjieg kienu diga intbghatu l-ETC u dan kien juri bic-car li l-management kien diga ddecieda li jittermina l-impjieg taghha minghajr ma ta' l-opportunita li tghati l-verzjoni taghha u tiddefendi l-kaz taghha.

Is-Socjetajiet intimati da parti taghhom qalu, li l-appellanti Joan Montanaro giet impjegata bhala full-time housekeeper mas-socjeta BayStreet Hotel Complex Ltd permezz ta' kuntratt ta' impjieg indefinit datat l-1 ta' Settembru 2004. Huma jghidu

wkoll, li l-appellanta giet ukoll impjegata bhala Part-time Housekeepr ghal perjodu indefint mal-BayStreet Holdings Ltd permezz ta' ftehim illi beda fis-sehh f'Settembru 2004.

Fl-istqarrija tal-kaz jinghid illi fost id-dmirijiet u l-obbligi tax-xoghol maz-zewg socjetajiet hi kellha d-dmir illi:-

a) tizgura illi certu areas tal-Kumpless maghruf bhala l-Bay Street Tourist Complex u li huwa operat mis-socjetajiet appellati jkunu nodfa u lesti sabiex il-klijenti jkunu jistghu jaghmlu uzu minn dawn l-istess areas u dan b'mod specjali il-kmamar u appartamenti tal-BayStreet Hotel li tinsab fil-kumpless; u

b) tigwida u tiehu hsieb ic-chambermaids illi hija kienet s-superjuri taghhom biex tassigura illi dak stipulat f'paragrafu (a) jsir u jekk dan ma jsirx anke tiehu hsieb li x-xoghol taghmlu hi; u

c) tobdi u ssegwi kwalunkwe linji gwida, kodici ta' kondotta, ordnijiet u regoli tas-socjetajiet appellati fuq il-post tax-xoghol.

Fl-istqarrija s-socjetajiet ikomplu jghidu, li minkejja dan kollu l-appellanti naqset kemm il-darba milli taqdi dmirijietha fuq il-post tax-xoghol bl-efficjenza rikjesta minnha u fi kwalunkwe kaz bil-mod illi dawn huma mistennija illi jkunu moqdija f'lukanda four star u kif persuna ragonevoli tkun tistenna li dawn id-dmirijiet jigu moqdija. B'mod specifiku naqset milli (a) tizgura illi l-kmamar tal-lukanda jigu mnaddfa sabiex ikunu lesti illi jilqghu lill-klijenti b'dan illi l-lukanda kellha tirrifjuta lin-nies ghax il-kmamar ma kienux fi stat li jilqawhom (b) tizgura illi l-kmamar tal-lukanda jigu mnaddfa sabiex ikunu lesti li jilqghu lill-klijenti b'dan illi klijenti u sahansitra travel agent illi kien jibghat klijenti fil-Bay Street Hotel intbaghtu fi kmamar mahmugin bir-riskju illi s-socjetajiet attrici jitilfu

ntrojtu kbir u jitilfghu wkoll il-fama u r-reputazzjoni illi rnexxielhom jiksbu matul is-snin. U (c) timla b'mod xieraq il-housekeeping reports sabiex ir-receptionists ikunu jafu liema kmamar kienu mnaddfa u ppreparti sabiex jidhlu l-klijienti go l-istess kmamar.

Huma jkomplu jghidu, li l-appellanta naqset ukoll milli tezegwixxi u tobdi ordnijiet ohra moghtija lilha mis-socjetajiet appellati inkluz ordni illi tidhol ghax-xoghol jew inkellha ddum aktar fuq il-post tax-xoghol meta kienet specifikament hekk rikjesta li taghmel. Illi l-appellanti naqset ukoll kemm il-darba, milli taderixxi mal-kodici ta' kondotta tal-kumpanniji appellati u ordnijiet moghtija lilha mis-superjuri taghha billi wzat dagha u kliem oxxen fuq il-post tax-xoghol diversi drabi u dan minkejja l-fatt li kienet taf illi ma kienx accettat illi kliem bhal dan kellu jintuza.

Fl-istqarrija tal-kaz is-socjetajiet ikomplu jghidu, li minkejja l-fatt illi kien miftiehem bejn il-partijiet illi "The employer may forthwith terminate the employee engagement on good and just cause . The parties agree that a good and just cause includes, but is not limited to:

(a) conviction of a criminal offence;
(b) repeated failure to perform duties with the required effectiveness and efficiency;
(c) failure to perform duties;
(d) refusal to carry out any legitimate order given to him by the employer

dana kollu kien ingab a formali konjizzjoni tal-appellanti permezz ta diversi twissijiet verbali minghajr ma kien hemm tkeccija immedjata kif seta’ sar meta wiehed iqis kemm kienu serji n-nuqqasijiet ta' l-appellanti fuq il-post tax-xoghol;

Fl-istqarrija tal-kaz jinghad ukoll, illi fit-22 ta' Novembru 2005, kien inghata wkoll written

warning lill-appellanti ghan-nuqqas ta' dmirijiet liema warning ma giex accettat u ffirmat mill-appellanti.

Is-socjetajiet jikkonkludu li minkejja li t-twissijiet illi ircievet l-appellanti xorta naqset milli tobdi r-regoli u ordnijiet moghtija u taqdi dmirijietha kif kienet titlob il-kariga li kellha b'dan illi l-impjieg taghha mas-socjetajiet appellanti kellu jigi terminat b'effett mit-3 ta' Jannar 2006.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li skond il-formoli ta' l-ETC tat-terminazzjoni ta' impjieg datati 10 ta' Jannar 2006, hemm indikat li l-appellanta kienet impjegata bhala housekeeper ma zewg socjetajiet differenti; jigifieri kienet impjegata full-time housekeeper mas-socjeta Baystreet Hotel Complex Ltd., kif ukoll fl-istess waqt kienet ukoll impjegata bhala part-time housekeeper ma Baystreet Holdings Ltd. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-raguni li l-appellanta kienet impjegata ma zewg socjetajiet differenti kienu, mhux ghax hi kienet tahdem f’zewg lokalitajiet differenti li kienu jippartjenu lil socjetajiet differenti izda, biex meta tigi mqabbda tahdem wara l-hin tax-xoghol normali taghha, minflok li dan il-hin kien jitqies bhala overtime u jigi mhallas bir-rata ta' overtime, dan il-hin kien jigi meqjus bhala part-time u jithallas b'rata anqas minn dik ta' overtime.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-kaz li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanta kien sehh fit-2 ta' Jannar 2006, fejn bazikament il-management jghid li din it-terminazzjoni saret wara li l-appellanti kellha nuqqasijiet fejn klijenti ntbaghtu fi kmamar mahmuga, kif ukoll li naqset li timla l-housekeeping reports, ma dan hija naqset ukoll li tibqa wara l-hin tax-xoghol. Mill-provi jirrizulta wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg sehhet fit-3 ta' Jannar 2006, fejn l-appellanta giet mgharrfa permezz tat-telephone mir-reservation manager li l-impjieg taghha kien qed jigi tterminat

b'effett immedjat. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellanta ppruvat tispjega minn fuq it-telephone lir-reservation manager dak li kien gara fil-gurnata ta' qabel, fejn wahda mill-kmamar kienet giet iccekjata mad-duty manager fil-waqt li l-kamra l-ohra ma kienitx giet iccekjata minnha. Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet diga ttiehdet qabel ma l-appellanta kellha l-opportunita li tigi akkuzata b'mod formali u tinghata l-opportunita li tghati l-verzjoni taghha u tiddefendi l-kaz taghha. Mill-provi jirrizulta wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg minn ma Bay Street Hotel Complex Ltd fejn l-appellanta kienet impjegata bhala full-time Housekeeper sehhet permezz ta' ittra datata 3 ta' Jannar 2006 mahruga mic-Chief Executive Officer tas-Socjeta Bay Street Hotel Complex Ltd fejn f'din l-ittra hemm indikat b'mod specifiku li din kienet "termination letter " u li permezz taghha gie itterminat l-impjieg ta' l-appellanta. Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li l-Kumpanija Baystreet Holdings Ltd fejn l-appellanta kienet impjegata bhala part-time Housekeeper ma harget l-ebda ittra ta' terminazzjoni ta' impjieg izda sempliciment bghatet il-formola tat-terminazzjoni ta' l-impjieg lill ETC.

It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jezamina ir-relazzjonijiet ta' l-impjieg bejn l-appellanta u s-socjetajiet imsemmija fejn mill-provi jirrizulta, li l-appellanta kienet impjegata maz-zewg kumpaniji imsemmija, wiehed bhala full-time housekeeper u ma kumpanija ohra bhala part-time housekeeper. It-Tribunal Industriali jikkunsidra l-fatt, li l-imsemmija appellanta kienet impjegata b'dan il-mod, mhux ghax hija kienet qed tahdem fuq zewg premises differenti u ghalhekk kienet irregistrata ma zewg kumpaniji differenti izda, kienet impjegata b'dan il-mod sabiex meta tigi mqabbda biex tahdem wara l-hin tax-xoghol, minflok li kienet

tigi mhallsa bir-rata ta' overtime kienet tigi mhallsa bir-rata ta' part-time li ovvjament hija rata anqas minn dik ta' overtime. F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jhossu, li ghandu jikkummenta fuq dan l-aspett tar-relazzjoni tax-xoghol u dan ghax ma jistax jaccetta kif xi sidien sfaccatament joqghodu isibu moghdijiet godda fil-ligijiet biex jevitaw milli jhallsu lill-haddiema dak li jkun dritt taghhom.

Ghaldaqstant, f’dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jhossu li ghandu jenfasizza id-disapprovazzjoni tieghu ghal dawn is-sistemi u jikkumenta li jekk fil-pajjiz jidhlu sistemi fejn xi sidien jimpjegaw lill-haddiema fuq zewg kumpaniji, wahda ghall-finijiet ta' full-time u ohra ghall-finijiet ta' part-time biex jiffrankaw milli jhallsu lill-haddiema overtime dan iwassal ghall-ingustizzji fil-konfront tal-haddiem.

F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra dan l-aspett tal-ligi jigifieri, li l-appellanta kienet impjegata ma zewg kumpaniji differenti dak ta' full-time ma Bay Street Hotel Complex Ltd u part-time ma Bay street Holdings Ltd. F'dan l-aspett it-Tribunal Industrijali se jikkunsidra li peress li dawn huma zewg Kumpaniji differenti u peress li l-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impjieg inharget mill-Kumpanija Bay street Hotel Complex Ltd fejn jghati wahda mir-ragunijiet li giet imkeccija kienet ghax ma qaghditx wara l-hin tax-xoghol, din ir-raguni mhix valida peress li wara l-hin tax-xoghol l-appellanta ma kienitx se tkun impjegata mal-Kumpanija Bay Street Hotel Complex Ltd izda kienet se tkun impjegata mal-Baystreet Holdings Ltd. ghaldaqstant, il-Kumpanija Bay Street Complex Ltd la darba l-appellanta ma kienitx se tkun xoghol maghha wara l-hin tax-xoghol ma kellha l-ebda dritt li l-Kumpanija Baystreet Complex Ltd. li tiddixxipplina lill-appellanta. Rigward il-kaz tal-kmamar mahmuga t-Tribunal Industrijali ma jsib l-ebda kaz

ta' htija mill-appellanta peress li wahda mill-kmamar kienet giet iccekkjata mad-duty manager u ma instab xejn hazin fil-waqt li l-kamra l-ohra ma kienitx giet iccekkjata mill-appellanta

Izda fuq kollox, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll l-aktar aspett importanti ta' dan il-kaz, u dan il-mod kif gie tterminat l-impjieg ta' l-appellanta minn maz-zewg socjetajiet, fejn hija giet mgharrfa minn fuq it-telephone li l-impjieg taghha kien gie tterminat minghajr ma giet moghtija l-opportunita li tghati il-verzjoni taghha u tiddefendi l-kaz taghha. It-Tribunal Industrijali f'diversi decizjonijiet ohra, kemm il-darba sahaq dan l-aspett ta' dixxiplina fejn meta l-management ikun se jiehu passi dixxiplinarji kontra l-haddiem l-ewwel ghandu jgharraf lill-haddiem formalment bl-akkuzi kontra tieghu u jghati l-opportunita lill-haddiem li quddiem il-management jghati l-verzjoni tieghu biex jiddefendi l-kaz tieghu. F'dan il-kaz it-Tribunal Industrijali mill-provi jirrizultalu li l-management taz-zewg socjetajiet ma ta' l-ebda opportunita lill-appellanta li b'mod xieraq tiddefendi l-kaz taghha.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjoni tieghu citati hawn, it-Tribunal Industrijali jiddikajara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanta maz-zewg socjetajiet ma kienitx gusta u ghal raguni valida skond il-ligi.

It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fil-waqt li l-appellanta ma tigix moghtija l-impjieg lura kemm ta' full-time minn ma BayStreet Hotel Complex Ltd kif ukoll ta' part-time minn ma BayStreet Holdings Ltd, hija ghanda tigi moghtija kumpens li jammonta ghall E15,000 (hmistax il-elf euro) mill-Kumpanija BayStreet Hotel Complex Ltd.(C 26451) u E3,000 (tlett elf euro) mill-kumpanija

Baystreet Holdings Ltd. (C 87760) jigifieri total ta' E18,000 (tmintax il-elef euro) liema kumpens ghandu jithallas minn dawn il-kumpaniji lill-appellanta sa nhar il-Gimgha 24 ta' Ottubru 2008.

It-Tribunal Industrijali jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista fl-ammont ta' E 93.18

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol"

Is-socjetajiet appellaw minn din is-sentenza bl-aggravji li gejjin:-

(1) It-Tribunal naqas milli jevalwa u jikkonsidra l-provi prodotti minnhom u s-sentenza mhix bazata fuq ezami logiku tal-provi. Konsegwentement, huma jikkontendu minn dan illi t-Tribunal ikkommetta lezjoni tal-principju ta' smiegh xieraq;

(2) It-Tribunal ha in konsiderazzjoni cirkustanzi totalment irrilevanti ghal kwestjoni li kellu quddiemu. B'dan, huma jridu jfissru illi t-Tribunal minflok ma ffoka ruhu fuq ir-ragunijiet tat-terminazzjoni, influwenza ruhu mix-xorta tar-rapporti tax-xoghol li l-appellata kellha maz-zewg kumpaniji;

(3) Minn dan jikkonsegwi wkoll skond l-appellanti, illi t-Tribunal, minflok ma ezamina r-ragunijiet tat-terminazzjoni, ikkundannahom ghal mod kif giet komunikata lill-appellata t-terminazzjoni u ghan-nuqqas ta' opportunita` lill-appellata biex din tiddefendi ruhha;

(4) Il-provi prodotti minnhom kienu jiggustifikaw id-decizjoni taghhom tal-licenzjament. Huma jsostnu illi l-kwestjoni kellha tigi ezaminata mill-perspettiva ta' serje ta' incidenti li fihom kienet involuta l-appellata u tat-twissijiet moghtija minnhom lill-istess appellata;

(5) Fil-likwidazzjoni tal-kumpens it-Tribunal naqas milli jaghti importanza lir-ragunijiet tat-terminazzjoni u milli jikkonsidra wkoll illi l-appellata kienet ta' eta` zghira u

kapaci ssib xoghol iehor fl-istess linja ta’ Housekeeper ta’ lukanda. B’dan l-ilment is-socjetajiet appellanti jikkontestaw lit-Tribunal illi dan ma segwiex l-kriterji kkontemplati mil-ligi fl-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kapitolu 452;

L-osservazzjoni generali li fl-ewwel lok trid taghmel il-Qorti in mertu ghall-aggravji sottoposti lilha hi din. Anke indipendentement mill-konsiderazzjoni tal-pregudizzjali sollevata mill-appellata ta’ l-inammissibilita` ta’ l-appell in kwantu dan ma jmissx “punt ta’ ligi”, il-Qorti ghandha, fil-konsiderazzjoni tal-valutazzjoni tal-provi mill-ewwel tribunal, tkun gwidata minn dawn ir-regoli, bosta drabi kkumentati minn din l-istess Qorti kif presjeduta fi skorta kbira ta’ sentenzi:-

(1) Ma tezisti ebda gerarkija ta’ l-effikacja tal-provi u kollox hu rimess ghall-gudizzju diskrezzjonali tal-gudikant adit mill-mertu. Il-valutazzjoni tar-rizultanzi istruttorji jidhol fil-kompitu istituzzjonali ta’ l-ewwel tribunal u dan hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu fuq dawk l-elementi tal-provi li hu jqishom l-aktar attendibbli ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu;

(2) Xejn ma jzomm lit-tribunal milli f’dik il-valutazzjoni jattribwixxi importanza magguri lil certi elementi ta’ provi fuq ohrajn. Lanqas ma hu obbligat li joqghod jaghmel apprezzament analitiku tar-rizultanzi processwali kollha u lanqas li joqghod jikkonfuta kull argoment singolari prospettat mill-partijiet. Sufficjenti li wara li jevalwahom fil-kumpless taghhom huwa jindika dawk l-elementi li fuqhom jintendi jibbaza l-konvinciment tieghu u jaghti hjiel tal-perkors minnu segwit biex jasal ghal konkluzjoni tieghu. Dan permezz ta’ motivazzjoni adegwata li turi li dak il-konvinciment u dik il-konkluzjoni gew raggunti minn evalwazzjoni tal-provi varji konsiderati fil-kumpless taghhom;

Forsi b’aktar kjarezza linejari jista’ jinghad illi jaqa’ fil-kompetenza ta’ l-ewwel tribunal il-kompitu esklussiv:-

i. li jindividwa l-fonti tal-konvinciment tieghu;
ii. li jezamina l-provi u jikkontrolla l-attendibilita` taghhom;
iii. li jaghzel minn fost ir-rizultanzi istruttorji dawk l-elementi ta’ prova li hu jirritjeni l-aktar idoneji biex jiddemostraw il-fatti in kontestazzjoni;
iv. Li jaghti prevalenza lil certi elementi ta’ prova fuq ohrajn;

F’dan kollu l-unika limitazzjoni imposta fuqu *ex-lege* hi dik li jaghti r-ragunijiet motivati li jsawru l-ezitu tal-procediment valutativ tieghu (Artikolu 218, Kapitolu 12);

Il-Qorti dehrilha li kellha tirriafferma hawn ir-regoli suddetti kemm biex taghti twegiba generali ghall-aggravji devoluti lilha, kif ukoll biex l-ezercizzju jserviha ta’ introduzzjoni ghall-gravam prinicipali kostitwit mill-ewwel obbjezzjoni tas-socjetajiet appellanti, u, sostanzjalment, jekk il-valutazzjoni tal-provi mit-Tribunal gabilhomx il-lezjoni tal-principju tas-smiegh xieraq li minnhom huma jilmentaw. Principju dan li din il-Qorti ammettiet u rrikonoxxiet l-importanza tieghu f’xi sentenzi taghha, citat wkoll mit-Tribunal, b’rabta ma’ l-aspett motivazzjonali tas-sentenza. Dan fis-sens illi l-motivazzjoni, in kwantu ta’ essenza tas-sentenza, ghandha tikkontjeni r-ragunijiet li jirriflettu l-verifika korretta tal-fatti u r-rizultat ultimament raggunt ikun f’rabta logika u koerenti ghal dawk il-fatti. Ara fost ohrajn, “**Mary Zarba -vs- Emma Azzopardi *nomine***”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, 28 ta’ Marzu, 2007;

Premess dan, biex ikun determinat jekk kienx hemm tabilhaqq vjolazzjoni tal-principju suddett wiehed ghandu, b’necessita, jaghti rigward lill-argomenti li fuqhom tkun bazata d-decizjoni u jistabilixxi jekk dawn humiex ben sopportati minn motivazzjoni sobrija in bazi ghar-rizultanzi probatorji. Wisq naturalment, u hawn il-Qorti taggancja ruhha mal-pregudizzjali sollevata mill-appellata, il-kontroll li jrid isir mill-Qorti ma ghandux jolqot il-konvinciment tat-Tribunal fuq ir-rilevanza probatorja ta’ l-elementi indizzjarja izda biss, u sempliciment, il-kongruwenza ta’

dak il-konvinciment mill-aspett tal-logika. Dan qed jigi rilevat in kwantu, fil-limitu strett ghal liema hu moghti dritt ta' appell minn sentenzi tat-Tribunal Industrijali, il-Qorti trid toqghod dejjem attenta illi ma toltrepassax f'xi ri-ezami u ri-valutazzjoni awtonoma tal-mertu tal-kaz jew tas-sindikar tal-valutazzjoni tal-provi mit-Tribunal izda biss li tikkontrolla l-allegata inkongruwenza jew illogicita ta' l-argomentazzjoni zvolta mit-Tribunal;

Issa ma jistax ikun dubitat illi in linea ta' principju n-nuqqas ta' diligenza, l-inosservanza tad-doveri u dak ta' l-ubbidjenza ghall-ordnijiet, il-kondotta oltreggjuza huma kollha temi u qaghdiet li, jekk provati, jwasslu ghal passi dixxiplinarji fil-konfront ta' l-impjegat, kompriz it-tkeccija tieghu. Ragonevolment pero` il-provvediment dixxiplinarju minn min ihaddem jesigi li tinghata minn dan lill-impjegat l-opportunita` shiha li jkun jista' jiddefendi u jiddiskolpa ruhu kontra l-addebitu ta' l-infrazzjoni attribwita lilu. Jekk xejn, ghaliex il-principju maghruf tal-korrettezza u tal-bwona fede dan jesigih. Konsiderat imbaghad li trattasi minn licenzjament din l-esigenza f'sede extra-gudizzjali hi aktar imperattiva fuq min ihaddem. Frankament, din il-Qorti ma ssib xejn inkongruwu jew illogiku illi t-Tribunal, ghogbu jissofferma fuq dan il-punt u li jikkontrasta b'kummenti approprijati lis-socjetajiet appellanti l-mod xejn legittimu li bih ipprocedew ghal-licenzjament ta' l-appellata, u tal-konsegwenzi ta' dak l-istess procediment fir-raffront tad-drittijiet u ta' l-interessi ta' l-impjegata. Agguntivament, irid jinghad illi l-apprezzament tal-provi mit-Tribunal f'dan il-kaz jisfuggi ghal kollox ic-censuri sottomessi mis-socjetajiet appellanti anke ghaliex dak l-istess apprezzament hu bastantement motivat mill-konsiderazzjoni illi meta saret il-komunikazzjoni telefonika lill-appellata d-decizjoni tat-tkeccija kienet diga` fatt kompjut. Proprju l-istess estratti mix-xhieda senjalati mis-socjetajiet appellanti fil-korp tar-rikors ta' l-appell jikkonfermaw dan. Meta din hi l-verita huwa difficli, jekk mhux ukoll ardwu, ghal din il-Qorti illi tippresta affidament lis-sottomissjoni tas-socjetajiet appellanti illi l-appellata nghatat tabilhaqq u fil-konkret, ic-cans li tiddefendi ruhha. Taht dawn ic-cirkustanzi l-aggravju sostanzjali tal-

kumpaniji appellanti ma jistax jircievi l-adezjoni ta' din il-Qorti u, in effetti, qed jigi respint;

Skartat dan l-aggravju, fir-rigward ta' l-aggravji l-ohra sottomessi din il-Qorti tara hafna sens guridiku f'dak ritenut mill-appellata fit-twegiba ta' l-appell taghha illi l-punti ta' kontestazzjoni b'dawk l-aggravji u mill-kontenut li bihom huma impustati mis-socjetajiet appellanti ma jmissu ebda "punt ta' ligi" imma merament kritika ta' l-apprezzament tal-fatti li wasslu lit-Tribunal ghal konvinciment tieghu bid-decizjoni appellata. Evidentement, meta t-Tribunal esprima ruhu fis-sens illi mill-provi ma kienx jirrizultalu illi l-motiv principali tat-tkeccija kien gustifikat, u dan ghar-ragunijiet minnu espressi fis-sentenza, din l-espressjoni ta' fehma tieghu ma kienetx strettament tippuntella ebda punt ta' ligi. Fl-attribuzzjonijiet tieghu, it-Tribunal, kien liberu fuq ic-cirkustanzi tal-kaz lilu sottomessi, li jezercita l-gudizzju diskrezzjonali tieghu u li jigbed il-konkluzjonijiet ta' fatt li l-fattispeci kienu hekk jiddettawlu. Fil-hsieb ta' din il-Qorti, ma jidherx li l-ezercizzju hekk kondott mit-Tribunal kien jiddifetta minn attitudni errata fir-rigward tal-provi konsiderati fil-kumpless taghhom;

Lanqas ma jidher illi ghal dik li hi l-likwidazzjoni tal-kumpens t-Tribunal avvicina din il-kwestjoni minn vizjoni skorretta tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kapitolu 452. Certament, it-Tribunal zamm prezenti x-xhieda ta' l-appellata fejn din iddikjarat li wara l-licenzjament ghamlet xi zmien tirregistra u wara sabet impjieg *part time* b'salarju inferjuri ghal dak li kienet tircievi fiz-zmien ta' l-impjieg mas-socjetajiet appellanti. M'hemmx dubbju wkoll illi t-Tribuanl ha in konsiderazzjoni l-fatt accertat, u sahansitra, ammess ukoll mis-socjetajiet appellanti, illi ghall-*extra hours* li kienet tahdem mas-socjetajiet appellanti, l-appellata minflok ma kienet tithallas bir-rata ta' sahra applikabbli, il-hin "*extra*" li hadmet kien jigi estiz ghax-xoghol *part time* taghha u jithallas b'rata anqas minn dik tas-sahra. Fiz-zgur ma kienx, imbaghad, mistenni li t-Tribunal jaghti importanza u

sussidju, kif hekk issuggerit u pretiz mis-socjetajiet appellanti, lir-ragunijiet taghhom li wasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha, meta dawn ma gewx ghas-sodisfaciment tieghu hekk ippruvati, kemm ghal dawk li huma imputazzjonijiet *ut sic,* kif ukoll ghall-intensita taghhom fir-rapport tax-xoghol.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tirrespingi l-appell fil-kapi ta' l-aggravji kollha tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal Industrijali, bl-ispejjez kontra s-socjetajiet rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------